# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta` Mejju, 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 738/94FD**

**Carmen Tabone Reale mart l-istess Anthony f`isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* ta` bintha minuri Maria**

**vs**

**Anthony Tabone**

**Il-Qorti;**

Rat is-sentenza ta` l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili li tghid hekk:

> "Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.
>
> Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m`ghadhiex aktar possibbli billi l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta` mohqrija u sevizz oltre li z-zwieg ta` bejniethom tkisser irremedjabbilment:
>
> Premess illi l-attrici giet awtorizzata mis-Sekond`Awla tal-Qorti Civili tipprocedi ghas-separazzjoni personali kontra l-konvenut skond Digriet numru 442/94;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija jew htijiet tal-konvenut u tawtorizza lill-attrici tghix separata minn zewgha;

2. Tafda l-kustodja u l-kura ta` l-ulied minuri lill-attrici;

3. Tillikwida l-komunjoni ta` l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi u tiddividi u tassenja l-istess skond kif il-Qorti jidhrilha hekk xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz;

4. Tikkundanna lill-konvenut jipprovdi lill-attrici ghaliha u ghall-ulied minuri dik ir-retta alimentarja li tigi hekk stabbilita minn din il-Qorti u bil-modalitajiet opportuni;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond`Awla degretati fit-12 ta` Mejju 1994 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta` l-istess attrici *proprio et nomine*, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:

1. Illi huwa kien jaqbel li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma kienx aktar possibbli izda hi l-attrici li kkagunat il-ksur taz-zwieg taghhom mhux l-esponenti kif inhu allegat fic-citazzjoni;

2. Illi kien jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta` din il-Qorti rigward il-kura u l-kustodja tal-minuri skond x`jirrizulta fl-atti tal-kawza u fl-ahjar interess ta` l-istess minuri, salv id-dritt ta` l-access ta` l-esponent;

3. Illi huwa kien jaqbel li l-komunjoni ta` l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kellha tigi xjolta u diviza skond il-Ligi;

4. Illi ma kellux jipprovdi ghall-manteniment ghall-attrici stante li hija hatja ta` tortijiet fil-konfront ta` l-esponent u, inoltre, tista` tahdem u tipprovdi ghall-bzonnijiet taghha hi stess;

5. Illi hu ma kellux ibaghti l-ispejjez ta` din il-kawza in visto ta` l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta` l-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta` Frar 1995 li permezz tieghu giet nominata l-avukat Dr Yana Micallef Stafrace bhala espert legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u wara li tiehu konjizzjoni ta` l-eccezzjonijiet sollevati, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghadhom x`jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta` l-imsemmija espert legali li tinsab a fol 203 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tas-16 ta` Mejju 2001;

Semghet lill-kontendenti u lix-xhieda minnhom prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawza ta` separazzjoni intavolta mill-attrici ftit wara illi kienet diga` pprezentat citazzjoni ohra bin-numru 433/94 fejn talbet li z-zwieg taghha ma` l-istess konvenut kellu jigi dikjarat null;

Illi l-partijiet qablu li z-zewg kawzi jimxu flimkien u li l-provi li jitressqu f`wahda jkunu wkoll applikabbli ghall-ohra; iz-zewg kawzi qed jigu decizi llum;

Illi dawn il-kawzi ilhom pendenti aktar minn seba` snin u u harsa anke hafifa lejn il-process, malajr turi li fiha kwazi ma sar xejn hlief esternazzjoni ta` sentiment ta` pika tassew estrema bejn il-partijiet u possibilment il-familjari taghhom; l-esperjenza ta` din il-Qorti kif preseduta ftit kellha kawzi fejn il-livell ta` pika taz-zewg nahat lahqet livell tant gholjin;

Illi r-rikorsi, risposti, xhieda u digrieti kienu biss dwar l-access ghall-povra minuri u dwar l-ammont ta` manteniment; il-Qorti ma setghetx issib kelma ohra hlief ‘povra’ ghal tifla illi issa ghalqet it-tmien snin, u qatt ma rat lin-nanniet paterni taghha;

Illi l-ewwel domanda tirrigwarda id-dikjarazzjoni ta` separazzjoni personali, imma din giet superata mid-decizjoni ta` l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell li kkonfermat ir-registrazzjoni ta` l-annullament taz-zwieg pronunzjat mit-Tribunal Ekklesjastiku kompetenti;

ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta` din it-talba;

Illi dwar it-tieni talba l-Qorti ma tarax li ghandha ccaqlaq il-posizzjoni attwali fejn l-omm izzomm u tiehu hsieb lit-tifla minuri;

Illi bhala parti minn din it-talba, il-Qorti ghandha tistabbilixxi wkoll l-access tal-konvenut ghal binthom li llum ghandha, kif intqal, madwar tmien snin. Illi l-attrici fis-sottomissjonijiet taghha wara l-prezentata tar-relazzjoni peritali qablet mas-suggerimenti ta` l-istess relatrici fis-sens li jinzamm il-*modus vivendi* attwali cioe` li l-konvenut ikompli jara lit-tifla fic-Centru Hidma Socjali ta` Santa Venera kull nhar ta` Erbgha mill-4.30pm sas-6.00pm u kull nhar ta` Sibt mill-10.30am sa 12.00pm u dan fil-presenza ta` l-istess attrici. Illi fis-sottomissjonijiet tieghu anki l-konvenut qabel mal-posizzjoni attwali anki jekk kien jippreferi access aktar ampju;

Illi ghalhekk il-Qorti mhix ser tvarja l-hinijiet u l-modalita` attwali ghalkemm, huwa ovvju li mal-medda tas-snin din is-sitwazzjoni trid tigi rikonsidrata;

Illi wara it-tielet talba relattiva ghall-komunjoni ta` l-akkwisti jidher li hemm qbil li l-kirja tad-dar li fiha kienu jabitaw bhala mizzewgin, ghandha tibqa` esklussivament f`isem il-konvenut;

Illi dwar il-kontenut ta` l-istess fond l-attrici tikkontendi li ghandha tircievi l-ammont paragernali li harget ghalihom u dan fl-ammont ta` elfejn, tlett mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm2336); il-Qorti ma taqbilx ma` dan l-ammont fil-kuntest tat-talba fic-citazzjoni peress li ghaddew kwazi ghaxar snin minn fuq dawn l-oggetti indikati u ghalhekk dan l-ammont qed jigi ridott *arbitrio boni viri* ghall-valur attwali, ghas-somma ta` elf u mitejn lira Maltin (Lm1200); l-istess ragunament u kalkolu ghandu jsir ghall-kamra li l-konvenut jitlob sittin lira (Lm60) ghaliha u li l-Qorti sejra tikkalkola fil-valur ta` tletin lira Maltin (Lm30). Dan ma japplikax ghall-ammont ta` mitejn u sitta u hamsin lira Maltin (Lm256) li jirrigwarda valur tad-deheb parafernali tal-konvenut; ghalhekk il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta` disa` mija u erbatax-il lira Maltin (Lm914);

Illi dwar il-manteniment, anke skond l-opinjoni peritali, il-qorti taqbel li l-konvenut ma ghandux ihallas manteniment ghall-attrici personalment; ghall-minuri l-Qorti sejra zzomm il-manteniment fl-ammont ta` hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fix-xahar anki fid-dawl ta` l-obbligu ta` l-omm li tikkontribwixxi ghall-manteniment ta` binthom. Hija kapaci tahdem u ghadha fl-eta` li taghmel dan.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta` l-Ewwel Domanda fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta` l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell;

Tilqa` t-Tieni Domanda kif dedotta fic-citazzjoni u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri lill-attrici b`dan pero` li l-konvenut ghandu jara lil binthom minuri gewwa c-Centru Hidma Socjali kull nhar ta` Erbgha mill-erbgha u nofs ta` filghaxija (4.30pm) sas-sitta ta` filghaxija (6.00pm) u kull nhar ta` Sibt mill-ghaxra u nofs ta1 filghodu (10.30am) sa nofsinhar (12.00pm); dawn il-visti jsiru fil-presenza ta` l-attrici;

Tiddeciedi t-Tielet Domanda billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta` l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u tiddividi l-assi tal-komunjoni billi tassenja lill-attrici dak kollu li prezentement jisnab fil-pussess taghha flimkien mas-somma ta` disa` mija u erbatax-il lira Maltin (Lm914); waqt li lill-konvenut qeghda tassejnalu l-inkwilinat tal-fond li fih qieghed jabita, l-ghamara u l-oggetti kollha li jinsabu fl-istess fond, kif ukoll dak kollu li attwalment jinsab fil-pussess tieghu u tikkundannah biex fi zmien xahar millum jikkonsenja lill-attrici l-passaport tat-tifla minuri u jhallas lill-istess attrici s-somma ta` disa` mija u erbatax-il lira Maltin (Lm914), minghajr imghax, liema somma huwa ghandu jhallasha fi zmien sena minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat;

Tiddeciedi wkoll ir-Raba` Domanda billi filwaqt li tichadha in kwantu tirreferi ghall-manteniment dovut lill-attrici personalment; tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta` hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kull xahar bhala kontribuzzjoni tieghu versu l-ispejjez u l-manteniment tat-tifla taghhom minuri.

L-ispejjez jithallsu terz (1/3) mill-attrici u zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

L-attrici hasset ruhha aggravata minn din is-sentenza u permezz ta` rikors ta` l-20 ta` Dicembru 2001, u ghal ragunijiet hemm moghtija li jigu ezaminati aktar tard f`din is-sentenza, interponiet appell quddiem din il-Qorti. Ghal dan ir-rikors ta` l-Appell saret risposta dettaljata mill-konvenut fl-14 ta` Jannar 2002 fejn, ukoll ghal ragjunijiet hemm

moghtija, jitlob lil din il-Qorti tichad l-Appell. L-Appell gie ttrattat fis-seduta tat-18 ta` Marzu, 2002 u differita ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi effettivament l-attrici qed titlob lil din il-Qorti tvarja u mhux thassar is-sentenza ta` l-Ewwel Qorti u dan fir-rigward ta` zewg kapijiet ta` l-istess sentenza u cioe` (1) il-likwidazzjoni ta` l-alimenti pagabbli mil-konvenut lit-tifla minuri tal-kontendenti u (2) fl-ammont li gie likwidat mill-Ewwel Qorti bhala l-ammont li kien dovut lil attrici mill-konvenut fit-talba minnha maghmula ghal-likwidazzjoni tal-Komunjoni ta` l-Akkwisti. Dawn iz-zewg ilmenti sejrin jigu kkonsidrati separatament.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mas-sottomissjonijiet ta` l-attrici fir-rigward ta` l-ewwel aggravju. Is-Sekond`Awla tal-Qorti Civili b`digriet tat-12 ta` Mejju 1994 kienet akkordat lill-attrici (rikorrenti f`dawk il-proceduri) is-somma ta` tmintax-il lira Maltin (Lm18) fil-gimgha, in kwantu ta` sitt liri Maltin (Lm6) fil-gimgha bhala alimenti ghaliha u Lm12 fil-gimgha ghall-minuri. Wara talba ta` l-istess attrici ‘pendente lite’ f`dawn il-proceduri l-Prim`Awla invece, b`digriet tal-11 ta` April 1996, wara li semghet lil partijiet bil-gurament, kienet awmentat il-manteniment li kellu jhallas il-konvenut ghall-minuri minn Lm12 ghal

Lm18 fil-gimgha wara li osserva illi "ikkunsidrat li l-minuri m`ghadhiex it-tarbija li kienet meta inghata d-digriet vigenti. Ikkunsidrat li kien hemm kambjament fis-sitwazzjoni finanzjarji tal-intimat, kif ukoll dik tar-rikorrent." Il-Perit Legali li kienet nominata mill-ewwel Qorti biex tirrelata dwar it-talbiet attrici, invece, fir-rapport minnha mahluf fis-seduta tas-16 ta` Mejju 2001 kienet ikkonkludiet "Rigwardanti l-manteniment. L-esponenti ma jidhrilhiex li l-attrici ghandha tkompli tippercepixxi manteniment anke in vista tal-annullament fuq citat izda l-konvenut ghandu jaghti Lm25 manteniment fil-gimgha ghall-minuri." Fis-seduta tas-27 ta` Lulju 2001l-attrici rremettiet ruhha ghar-rapport peritali u ghalhekk illi l-kontestazzjoni odjerna hija indirizzata biss ghall-alimenti pagabbli mill-appellat lit-tifla minuri tal-kontendenti:

Ikkunsidrat;

Illi anke jekk wiehed kellu jikkonsidra biss id-decizjonijiet gia mehuda f`dan ir-rigward din il-Qorti thoss illi d-decizjoni ta` l-ewwel Qorti fejn akkordat biss l-ammont ta` Lm25 fix-xahar bhala l-obbligu ta` l-appellat ghall-manteniment tal-minuri ma setax kien hlief 'lapsus'. Dan jidher car mid-dicitura ta` l-istess sentenza fejn l-ewwel Qorti wara li ddikjarat fl-ewwel lok li kienet taqbel mar-rapport peritali li l-konvenut ma kellux ihallas manteniment ghall-attrici personalment iddikjarat illi kienet "sejra zzomm il-manteniment fl-ammont ta` hamsa u ghoxrin lira Maltin

(Lm25) fix-xahar", ghall-minuri. Dan apparti pero`, anke li kieku l-ewwel Qorti verament riedet tirriduci l-alimenti minn Lm18 fil-gimgha (kif minnha deciz pendente lite) ghall-Lm25 fix-xahar, din il-Qorti thoss illi l-aggravju ta` l-appellanti huwa wiehed gustifikat. Ir-ragunamenti ta` l-ewwel Qorti moghtija fid-digriet taghha fuq citat tal-11 ta` April 1996 huma, se mai, aktar applikabbli llum. Il-minuri hija issa diehla ghal perjodu f`hajjitha fejn l-aktar li sejjer ikollha bzonn l-ghajnuna tal-genituri taghha, inkluz dik l-ghajnuna finanzjarja necessarja, fl-istess waqt illi l-introjtu ta` l-appellat zdied anke jekk biss biz-zidiet statutorji ta` kull sena u inoltre ma jidhirx illi zdiedu sostanzjalment il-bzonnijiet tieghu. Dan l-aggravju huwa ghalhekk akkolt.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tat-tieni aggravju ghandu jigi precizat illi s-somma likwidata strettament tirreferi mhux ghal-likwidazzjoni ta` propjeta` tal-komunjoni ta` l-akkwisti izda ghal oggetti parafernali ta` l-attrici li gew mizmuma mill-konvenut u gew uzati minnu fid-dar konjugali. Din ir-riflessjoni ghandha l-validita` taghha, minkejja li b`mod marginali, fl-ezami ta` dan l-aggravju kif jigi aktar tard spjegat.

Dan nonostante l-principju din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward ta` din il-likwidazzjoni. L-argument ta`l-ewwel Qorti illi l-maggior parti ta` l-

oggetti in kwistjoni huma oggetti li jiddeterjoraw biz-zmien huwa argument legalment validu filwaqt illi l-Qorti hija ukoll propensa li taccetta s-sottomissjonijiet legali maghmula mill-appellat fir-risposta ta` l-appell tieghu illi l-appellanti messha talbet ir-rifuzjoni ta` l-oggetti parafernali taghha u mhux thalli lill-appellat juzahom biex eventwalment tirriklama l-valur originali taghhom.  Lanqas ma din il-Qorti jidhrilha li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta` l-ewwel Qorti fejn akkordat sena zmien lill-konvenut biex ihallas l-ammont likwidat u dan minn mindu s-sentenza tghaddi in gudikat.  Stante pero illi, kif gia inghad, il-valur jirrapprezenta likwidazzjoni ta` oggetti parafernali l-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala l-appellant m`ghandux ihallas l-imghax legali fuq l-ammont likwidat u fir-rigward, ghalhekk, ta` dan l-aggravju, din hija l-unika varjazzjoni li din il-Qorti sejra taghmel ghas-sentenza tal-Prim`Istanza.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Appell huwa in parti milqugh billi s-sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta` Dicembru 2001 hija varjata fis-sens illi l-appellat huwa kkundannat ghal hlas ta` Lm25 alimenti lill-attrici ghall-bint minuri tal-kontendenti u dan kull gimgha u mid-data tas-sentenza ta` l-ewwel Qorti, filwaqt illi fuq is-somma ta`disa` mija u erbatax-il lira Maltin (Lm914), liema somma hija kkonfermata bhala l-ammont likwidat taht it-tielet talba attrici, ghandu jiddekorri l-imghax legali mil-lum. – Ghall-kumplament is-sentenza appellata hija kkonfermata.

L-ispejjez tal-Prim`Istanza huma kif minnha deciz. L-ispejjez ta` l-Appell in linja mad-decide jithallsu in kwantu ghal 1/5 mill-appellanti u in kwantu ghal 4/5 mill-konvenut/appellat.

Dep/Reg

gs